MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 9/2005/1

**Valfracht Maritime Company Limited u Valfracht Roro Line Ltd.**

**v.**

**(1) Avukat Generali; u**

**(2) Lonsinjska Polvidba Brodarstvo D.D. socjeta` estera rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino ghal kull interess li jista' ghandha**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. B'din il-kawza s-socjetajiet Valfracht Maritime Company Limited u Valfracht Roro Line Limited ("is-socjetajiet appellanti") qeghdin jippruvaw jimpunjaw sentenza li nghatat kontrihom mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Ottubru 2004, fl-atti tar-Rikors Nru. 6/03 fl-ismijiet "Lonsinjska Polvidba Brodarstvo D.D. socjeta` estera rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dr. Louis CassarPullicino v. Valfracht Maritime Company Limited u Valfracht Roro Line Limited ("is-sentenza impunjata"), liema sentenza ordnat ir-registrazzjoni ta' lodo arbitrali datat fl-1 ta' Ottubru 2002, moghti barra minn Malta u dan a tenur tal-Kap. 52 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli qabel il-bidu fis-sehh ta' l-Att dwar l-Arbitragg tal-1996.

2. Is-socjetajiet appellanti allegaw, fir-rikors promotorju taghhom ipprezentat quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Frar 2005, li s-sentenza impunjata naqset li titratta sewwa u tiddeciedi l-eccezzjoni sollevata minnhom fil-kors ta' dawk il-proceduri, u cioe` li l-imsemmi l-lodo arbitrali kien gie ottenut b'qerq ghax is-socjeta` Losinjska Plovidba Brodarstvo D.D. ("is-socjeta` appellata") kienet dolozament u b'qerq hbiet provi partikolarment dwar il-kwistjoni tal-konsum tal-gas oil fuel mill-vapur LIPA meta dan kien qed jimmanuvra u f'ibhra maghluqa. Is-socjetajiet appellanti qeghdin jallegaw li dan l-operat tal-Qorti ta' l-Appell jikkostitwixxi ksur tad-dritt fondamentali taghhom ghal smigh xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti b'dan is-sens kif ukoll it-thassir u r-revoka ta' l-imsemmija sentenza impunjata.

3. L-ewwel Onorabbli Qorti ppronunzjat is-sentenza taghha fid-19 ta' Mejju, 2006. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta kollha kemm hi ghall-ahjar intendiment ta' l-odjerna sentenza billi fiha hemm migjuba l-premessi u t-talbiet tas-socjetajiet appellanti, il-kontestazzjonijiet li ressqu l-Avukat Generali kif ukoll is-socjeta` appellata u r-ragunijiet u l-motivazzjoni li abbazi taghhom li l-ewwel

Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet kollha tas-socjetajiet appellanti. Is-sentenza tghid hekk:
"Il-Qorti

"Rat ir-rikors promotur tas-socjetajiet Valfracht Maritime Company Limited u Valfracht Roro Line Limited fejn gie premess :

"Illi fl-10 ta' Jannar 2003 l-kumpannija intimata pprezentat rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell sabiex jigi registrat f'Malta lodo arbitrali moghti gewwa Londra fi proceduri bejn il-kontendenti, u dan ghat-tenur tal-Kap 52 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok A);

"Illi permezz ta' risposta pprezentata mill-esponenti (Dok B) l-esponenti eccepiet [paragrafu 4(c)] fost' affarijiet ohra li: -

""il-lodo gie ottenut b'qerq fil-kontest tal-art 3(2)(d) tal-Kap 52, kif jigi pruvat ahjar fit-trattazzjoni tar-rikors u senjatament ghax kien hemm okkultament doluz u b'qerq tal-provi minn-naha ta' Lonsinjska Plovidba fil-kors tal-proceduri arbitrali, partikolarment dwar il-kwistjoni ta' konsum ta' gas oil fuel mill-vapur LIPA meta kien qed jimmanuvra u f'ibhra maghluqa";

"Illi, permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 2004 (Dok C), meta l-Qorti giet biex titratta l-eccezzjoni tal-esponenti bazata fuq il-qerq, itrattat l-eccezzjoni minn aspett totalment differenti mill-eccezzjoni sollevata mill-esponenti (ara fol 8 u 9 tas-sentenza). Huwa minnu li l-kwistjoni dwar il-konsum ta' *gas oil fuel* mill-vapur LIPA meta kien qed jimmanuvra f'ibhra maghluqa gie trattat fil-proceduri tal-arbitragg u nghatat decizjoni dwarha. Pero permezz tal-eccezzjoni fuq imsemmija l-esponeneti ma kenitx qeghda titlob lill-Qorti biex terga' tidhol fil-meritu jekk kienx hemm *overconsumption* tal-vapur LIPA. L-eccezzjonijiet tal-esponenti kienet fis-sens li fil-kors tal-proceduri ta' arbitragg il-kumpannija intimata hbiet dolozament u b'qerq provi, u dan sabiex waslet fejn riedet dwar il-kwistjoni tal-konsum ta' *gas oil fuel.* Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li *"kien*

*jidher li l-ilment tas-socjetajiet intimata dwar il-konsum eccessiv ta' gas oil mhux propost fil-procedura ta' arbitragg, izda kien jifforma meritu ta'sentenza preliminari kif ukoll sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Ingliza"* mhi xejn ghajr konferma li l-Qorti naqset li titratta l-eccezzjoni moghtija mill-esponenti;

"Illi l-eccezzjoni tal-qerq kienet qeghda tirreferi ghal dak li sehh fil-kors tal-proceduri arbitrali u mhux dak li sehh fi zmien meta kienu qeghdin isiru n-negozjati li waslu biex sar il-ftehim ta' Charter Party. Il-Qorti tal-Appell kellha tillimita ruhha ghal dak li sehh waqt il-proceduri tal-arbitragg, fis-sens jekk l-intimata kenitx waqt il-proceduri b'mod doluz u qarrieqi hbiet provi u b'rizultat ta' liema ottjeniet decizjoni favur taghha. Eccezzjoni li minn qari tas-sentenza ma giet bl-ebda mod trattata mill-Qorti tal-Appell u ma nghatat l-ebda decizjoni dwarha;

"Illi dan il-fatt jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali tal-esponeneti ghal smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

"Illi dan apparti l-fatt li kuntrarjament ghal dak li ddikjarat il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha (fol 9), il-kwistjoni dwar il-konsum eccessiv ta' *gas oil* qatt ma kien jifforma l-meritu ta' xi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Ingliza;

"Ghalhekk is-socjetajiet rikorrenti talbu li din il-Qorti : -

"Tiddikjara li fil-proceduri **Losinjska Plovidba Brodarstvo D.D. vs Valfracht Maritime Co Ltd et** (rikors numru 6/2003), id-dritt tal-esponeneti ghal smiegh xieraq gie miksur in kwantu l-Qorti naqset milli titratta u tiddeciedi fuq l-eccezzjoni numru 4(c) kif sollevata fir-risposta li l-esponeneti pprezentaw ghar-rikors promutur intavolat mill-kumpannija intimata;

"Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 2004 fil-proceduri fl-ismijiet **Losinjska Plovidba Brodarstvo D.D. vs Valfracht Maritime Co Ltd et** (Rikors numru 6/2003);

"Bl-ispejjez kontra l-intimati;

"Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess :-

"Illi f' dan l-istadju l-esponenti jopponi t-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti ghall-motivi segwenti:

"1. Illi l-proceduri odjerni jipprezentaw il-karatteristici kollha ta' proceduri abbuzivi u merament dilatorji u ghandhom ghalhekk jigu michuda bhala proceduri frivoli u vessatorji. Dan peress illi minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Ottubru 2004 jirrizulta b'mod car illi, kontra dak allegat, dik il-Qorti ikkunsidrat komprensivament u b'mod akkurat l-eccezzjoni dwar l-allegat vizzju tal-lodo arbitrali abbazi ta' allegat qerq u dan specjalment meta wiehed iqis illi l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell kienu dwar ir-regitrazzjoni ta' decizjoni estera u mhux dwar il-meritu tal-kawza *ut sic*. Illi huwa car illi l-eccezzjioni numru 4(c) moghtija fil-kawza *de quo* kienet diretta biex, kontra dak li suppost isir fi proceduri simili, tipprova tistrada lill-Qorti tal-Appell biex terga' tiftah il-meritu tal-lodo billi tiftah l-istadju tal-provi mill-gdid taht il-pretest li jrid isir ezami biex jigi determinat jekk kienitx inhbiet xi prova. Huwa manifest illi dan l-ezercizzju ma jistax isir f' kawza li tinvolvi biss ezami tal-ammissibilita tar-registrazzjoni ta' decizjoni estera diga finali;

"2. Illi kwantu hija mitluba r-revoka tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Ottubru 2004 l-istess talba tezorbita mill-gurizdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li m'hijiex qorti ta' appell fuq il-Qorti tal-Appell;

"3. Illi in kwantu mitlub illi dina l-Qorti tezamina s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Ottubru 2004 biex tara fihiex zbalji fl-interpretazzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti it-talbiet tas-socjetajiet rikorrenti ukoll jezorbitaw mill-gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti billi din il-Qorti, bhall Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, m' ghandhiex il-funzjoni illi tirrevedi allegati zbalji ta' Qrati ohra izda hija *se mai* (u jinghad *se mai* ghax hua biss fis-sistema Malti illi gie accettat illi Qorti tal-Prim Istanza

tirrevedi sentenzi ta’ Qrati tat-tieni grad) kompetenti biss biex tqis jekk proceduri fi Qrati ohra, fl-assjem taghhom, kienux tali li jivvjolaw id-dritt ghas-smiegh xieraq. Illi huwa car illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta’ Ottubru 2004 inghatat fir-rispett tad-dritt ghas-smiegh xieraq u wara li l-partijiet ghamlu lil dik il-Qorti s-sottomissjonijiet li riedu jaghmlu u l-istess sentenza ma kienet affetta minn ebda nuqqas ta’ indipendenza jew imparzjalita’ jew ta’ bazi legali;

“Rat ir-risposta tal-intimati Losinjska Piovidba Brodarstvo D.D. fejn gie sottomess :-

“Illi fl-ewwel lok ir-rikors promotur huwa ghal kollox frivolu u vessatorju u ghandu jigi michud bi-ispejjez;

“Illi kif jirrisulta mill-atti, il-pretensjonijiet dwar il-konsum ta’ *gas oil fuel* tal-vapur “Lipa” kienet tikkostitwixxi l-bazi tat-talba rikonvenzjonali avvanzata fil-proceduri arbitrali f’Londra. Din it-talba rikonvenzjonali giet michuda mill-Arbitri naturalment wara li evalwaw il-provi mressqa mill-partijiet;

“Illi matul il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell li gew istitwiti mill-esponenti sabiex jigi registrat il-lodo arbitrali in kwistjoni, huwa minnu illi s-socjetajiet rikorrenti avvanzaw l-eccezzjoni indikata bhala 4(c) fir-risposta taghhom u li permezz taghha allegaw illi l-lodo kien ottenut b’qerq kommess mill-esponenti matul is-smiegh tal-proceduri arbitrali;

“Illi in sostenn ta’ din l-eccezzjoni, il-Qorti tal-Appell tat lir-rikorrenti il-fakolta kollha li jressaq il-provi taghhom f’dan ir-rigward u effettivament gie presentat affidavit ta’ David Jones in sostenn ta’ din l-eccezzjoni;

“Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell din l-eccezzjoni giet michuda ghar-ragunijiet li jidhru fl-istess sentenza. Il-fatt jibqa’ pero li r-rikorrenti nghataw kull opportunita u zmien adegwat li javvanzaw il-provi u s-sottomissjonijiet taghhom b’dan illi d-dritt fondamentali taghhom ghal smiegh xieraq gie rispettat pjenament;

"Illi dan ir-rikors jirrasenta minn attentat car da parti tas-socjetajiet rikorrenti li joholqu forma ta' appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, haga li ma ghandhiex tigi permessa minn din l-Onorabbli Qorti;

"Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti b'mod partikolari s-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Ottubru 2004 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Losinjska Plovidba Brodarsivo D.D. socjeta estera rappresentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino vs Valfracht Maritime Co. Ltd u Valfracht Roro Line Ltd" u l-atti kollha tal-istess kawza;

"Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetajiet rikorrenti;

"Rat in-nota ta'sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta estera intimata;

"Rat ir-replika tas-socjetajiet rikorrenti;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

"Ikkonsidrat :

"Is-socjetajiet rikorrenti fir-rikors promotur jghamlu referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta' Ottubru 2004 wara rikors presentat mis-socjeta estera intimata sabiex jigi registrat lodo arbitrali mghoti barra minn Malta fejn kienu involuti s-socjetajiet rikorrenti u s-socjeta estera intimata. F'dawk il-proceduri quddiem l-imsemmija Qorti s-socjetajiet rikorrenti eccipew, fost affarijiet ohra, li l-imsemmi lodo gie ottenut b'qerq ghaliex kien hemm okkultament doluz u b'qerq tal-provi dwar kwistjoni li kienet tinvolvi il-konsum ta' gas minn vapur.

"Is-socjetajiet rikorrenti jallegaw li l-imsemmija Qorti tal-Appell ittrattat din l-eccezzjoni minn aspett totalment differenti. L-imsemmija eccezzjoni kienet fis-sens li fil-kors tal-arbitragg il-kumpannija intimata estera hbiet dolozament u b'qerq provi. Il-Qorti tal-Appell dahlet fil-

mertu tal-konsum ta’ gas u naqset li titratta l-eccezzjoni fis-sens mghoti u cioe’ jekk is-socjeta estera intimata waqt il-proceduri tal-arbitragg b’mod doluz u qarrieqi hbietx xi provi;

“Skond is-socjetajiet rikorenti dan il-fatt jikkostitwixxi ksur tad-dritt fundamentali taghhom ghal smiegh xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ghalhekk is-socjetajiet rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li fl-imsemmija proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell gie lez id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq peress li ma gietx trattata u deciza l-imsemmija eccezzjoni u li tithassar u tigi revokata l-imsemmija sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta’ Ottubru 2004;

“L-intimat Avukat Generali qed jeccepixxi li l-proceduri odjerni huma abbuzivi u dilatorji peress illi s-sentenza in kwestjoni tal-Qorti tal-Appell ikkunsidrat komprensivament u b’mod akkurat l-eccezzjoni in kwestjoni. L-eccezzjoni in kwestjoni tas-socjetajiet rikorrenti kienet diretta biex terga’ tiftah il-meritu tal-lodo f’kawza li tinvolvi biss ezami tal-ammissibilita tar-registrazzjoni ta’ decizjoni estera finali. It-talba ghar-revoka tas-sentenza in kwestjoni tezorbita mill-gurizdizzjoni ta’ dina l-Qorti li zgur li mhux qorti ta’ appell fuq il-Qorti tal-Appell. It-talba biex tigi ezaminata l-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell ukoll tezorbita l-gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti li m’ghandiex il-funzjoni li tirrevedi allegati zbalji ta’ Qrati ohra u hi kompetenti biss biex tqis jekk proceduri fi Qrati ohra kienux tali li jivvjolaw xi dritt fundamentali;

“Is-socjeta estera intimata qed teccepixxi li l-pretensjonijiet dwar il-konsum ta’ gas mill-vapur in kwestjoni kienet il-bazi tat-talba rikonvenzjonali fil-proceduri arbitrali u liema talba giet michuda mill-Arbitri. L-Onorabbli Qorti tal-Appell tat lis-socjetajiet rikorrenti l-opportunita li jresqu provi dwar l-eccezzjoni in kwestjoni. Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell cahdet din l-eccezzjoni u d-dritt fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti ghal smiegh xieraq gie rispettat pjenament. Bill-presenti proceduri s-socjetajiet rikorrenti jridu joholqu forma ohra ta’ appell;

“Il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa r-rizultanzi kollha u jidher li dawn il-proceduri huma tentattiv sabiex isir appell minn appell. Zgur li din mhux il-funzjoni ta’ din il-Qorti. Mhux il-funzjoni ta’ din il-Qorti li tirrevedi allegati zbalji ta’ xi Qorti ohra. Din il-Qorti ghandha l-kompitu li tesamina u tiddeciedi jekk proceduri li svolgew quddiem Qorti ohra setghux jivvjolaw xi dritt fundamentali;

“In effett hi f’lokha s-sottomissjoni tal-intimat Avukat Generali li l-eccezzjoni in kwestjoni tas-socjetajiet rikorrenti, li nghatat fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell, kienet intiza biex terga’ tiftah il-meritu tal-lodo. Il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Appell kienu jinvolvu biss ezami tal-ammissibilita tar-registrazzjoni ta’ decizjoni estera, li hi decizjoni finali. L-eccezzjoni in kwestjoni kienet intiza biex terga tiftah il-meritu tal-arbiragg, liema meritu gie deciz finalment bil-lodo in kwestjoni;

“Minn esami akkurat tas-sentenza in kwestjoni ta’ l-Qorti tal-Appell jirrizulta li l-istess Qorti kkunsidrat, sa fejn kellha tikkonsidra, u b’mod akkurat l-eccezzjoni in kwestjoni. In effett l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell tat lis-socjetajiet rikorrenti l-opportunita li jresqu provi dwar l-eccezzjoni in kwestjoni u finalment din l-eccezzjoni giet michuda. Is-socjetajiet rikorrenti jissottomettu b’certa qawwa li l-eccezzjoni in kwestjoni hi fis-sens li fil-kors tal-proceduri tal-arbitragg is-socjeta intimata ghawwget il-fatti u ottjeniet decizjoni favur taghha minhabba qerq. Minn dak li xehed ir-rappresentant tas-socjetajiet rikorrenti jidher bic-car li ma giex allegat agir frawdolenti jew b’qerq. L-istess rappresentant jilmenta li kellu dritt li jara xi dokumenti pero’ dan id-dritt gie michud mill-arbitri. Jirrizulta ghalhekk li fit-trattazzjoni ta’ l-appell ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegat frodi;

“Hu ghalhekk car li mhux minnu li l-Qorti ta’ l-Appell naqqset milli taghti decizjoni fuq l-eccezzjoni in kwestjoni. Il-Qorti ta’ l-Appell ikkunsidrat l-eccezzjoni fil-qafas tal-provi prodotti u ddecidiet billi cahdet l-istess eccezzjoni. Jidher car mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell li kienet d-decizjoni espressa u cara taghha li wara li kkunsidrat il-provi kollha prodotti dwar l-eccezzjoni in kwestjoni waslet

ghal konkluzjoni b'mod car li l-lodo ma kienx intakkat minn qerq;

"Ghal dawn ir-ragunijiet kollha jirrizulta li d-dritt fondamentali tas-socjetajiet rikorrenti ghal smiegh xieraq gie rispettat pjenament u konsegwentement it-talbiet kollha tas-socjetajiet rikorrenti ghandhom jigu respinti;

"Ghal dawn il-motivi:

"Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tas-socjetajiet rikorrenti;

"Spejjez kontra l-istess socjetajiet rikorrenti."

**<u>II L-APPELL</u>**

4. Is-socjetajiet appellanti appellaw minn din is-sentenza b'rikors ta' appell pprezentat quddiem din il-Qorti fil-31 ta' Mejju, 2006. Ghar-ragunijiet imfissra fih, huma talbu li din il-Qorti joghogbha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju 2006, u tilqa' t-talbiet kif kontenuti fir-rikors promotur taghhom – bl-ispejjez kontra l-appellati.

5. Kemm l-Avukat Generali u kemm ukoll is-socjeta` appellata intavolaw r-risposti rispettivi taghhom li bihom ikkontestaw l-appell. Huma fissru ghaliex is-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk din il-Qorti giet mitluba li tichad l-appell.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Huwa opportun u xieraq ghall-ahjar intendiment tal-vertenza odjerna li din il-Qorti taghti xi taghrif l-aktar importanti dwar l-isfond ta' l-odjerna kawza.

Is-socjetajiet appellanti kienu nnolleggjaw il-bastiment "LIPA" minghand is-socjeta` appellata, b'*time charter party* datat 8 ta' Settembru, 1993. Dan il-kuntratt gie mgedded diversi drabi, b'mod li s-socjetajiet appellanti baqghu jahdmu bl-istess bastiment ghal ftit aktar minn hames snin. Dan ic-*charter party* kien jinkorpora klawsola arbitrali, liema klawsola giet invokata b'success mis-

socjeta` appellanti fi proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Citazzjoni Numu 901/99), liema proceduri kienu gew istitwiti mis-socjeta` appellata ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu allegat minnha. *A fol.* 353 *et seq.* tal-process allegat hemm kopja tas-sentenza relattiva moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Novembru, 2001.

7. Il-proceduri arbitrali effettivament inbdew u gew terminati f'Londra u l-punti l-aktar saljenti dwar il-kors ta' l-istess proceduri gew senjalati hekk fl-affidavit ta' Christopher Edward Jobson datat 31 ta' Marzu 2003, a fol. 118 tal-process allegat:
"5. The arbitration claim was in respect of an outstanding balance of hire in the sum of US$ 127.659.29. The Defendants denied any outstanding balance in the Claimants' favour and counterclaimed overconsumption of gas oil in the auxilary engines over a number of voyages performed by the vessel amounting to US$273,724.46.

6. The Claimants rejected the counterclaim on the basis that the Charterpary contained no warranty concerning consumption because the figures in the Charterparty had been given in good faith but without guarantee. The Claimants applied to the Tribunal for an Interim Award to decide this point. The Tribunal found in favour of the Defendants. A copy of the Tribunal's Interim Award dated 12 July 2000 is annexed to this statement and marked "CEJ2".

7. The Claimants appealed the Interim Award to the High Court and were successful. A copy of the High Court's Judgment is annexed to this Statement and marked "CEJ3".

8. Following publication of the High Court's Judgment further evidence was adduced and submissions were made to the Tribunal by both the Claimants and the Defendants concerning whether the figures given by the Claimants and recorded in the Charterparty had been given in good faith. As a gesture of goodwill, the Claimants accepted the Defendants' Final Hire Statement

and for all the items except their counterclaim for overconsumption, thus compromising other minor differences which had previously existed between them.

9. The Defendants submitted a further counterclaim in the sum of US$177,700.00 for sums which they said had been paid to various Masters ad crews of the vessel during the charter period for lashing and unlashing the cargo, which costs, they said, should have been borne by Claimants. The Claimants denied this counterlcaim.

10. On 1 October 2002 The Tribunal published its Final Award and held that the Defendants' counterclaims failed and were dismissed and and that there was due to the Claimants from the Defendants the following sums:"

- Omissis -

"13. The Club has informed me and I believe that the Final Arbitration Award has not been satisfied by the Defendants. The Club has furhter informed me and I believe that the Defendants did not appeal the Final Arbitration Award within the 28 days period laid down in section 70 of the Arbitration Act 1996."

8. Fl-10 ta' Jannar 2003, is-socjeta` appellata talbet lill-Qorti ta' l-Appell biex tordna r-registrazzjoni tal-lodo arbitrali skond il-Kap. 52 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjetajiet appellanti kkontestaw dik it-talba b'diversi eccezzjonijiet fosthom wahda li tolqot direttament il-vertenza odjerna. Din l-eccezzjoni fis-sustanza kienet tghid li t-talba ghar-registrazzjoni tal-lodo arbitrali ma kellhiex tintlaqa' mill-Qorti billi dak kien lodo kien inkiseb b'qerq u ghalhekk kien applikabbli l-Artikolu 3(2)(d) tal-Kap. 52. Is-socjetajiet appellanti allegaw li fil-kors tal-proceduri arbitrali kien hemm okkultamnet doluz u b'qerq tal-provi min-naha tas-socjeta` appellata, partikolarment dwar il-kwistjoni tal-konsum tal-gas oil fuel mill-bastiment LIPA meta dan il-bastiment kien ikun ibahhar f'ibhra maghluqa jew meta jkun qieghed jimmanuvra gewwa l-portijiet u f'ibhra maghluqa.

9. Billi fil-kawza odjerna s-socjetajiet appellanti qed jallegaw li l-operat tal-Qorti ta' l-Appell kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fondamentali taghhom ghal smigh xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa xieraq li din il-Qorti tiffoka fuq dak li gara guddiem il-Qorti ta' l-Appell in kwantu dawk ir-*res geste* jikkoncernaw direttament l-imsemmija eccezzjoni, li biha gie allegat li l-lodo arbitrali nkiseb bil-qerq, kif dawn jirrizultaw mill-process quddiem il-Qorti ta' l-Appell Nru. 6/03 u li jinsab allegat ma' l-atti tal-kawza odjerna.

(i) Jirriuzlta li fit-2 ta' Dicembru 2003, saret it-trattazzjoni orali tad-difensuri, li fortunatament giet registrata u traskritta. *A fol.* 100 insibu li d-difensur tas-socjeta` appellata ssottometta hekk dwar l-eccezzjoni tal-frodi msemmija:

"**<u>L-Avukat Dr. L Pullicino:</u>** Issa l-frodi. Effettivament jekk wiehed jara anke risposta ta' l-intimati qed infatti jigi invokat dan is-subinciz pero` onestament ma fhimtx x'qed jipprova jinghad f'dan ir-rigward. Nahseb nistenna l-parti l-ohra telabora dal-fatt. Ghax fil-fatt ghalkemm l-ewwel paragrafu c tar-raba' paragrafu tar-risposta qed jghid li f'kull kaz il-lodo gie ottenut b'qerq fil-kontest ta' l-Artikolu 3(2)(d) tal-Kap. 52 subinciz li ghadha kif saret riferenza ghaliha minnek Sur President. Imbaghad ikomplu jghidu l-intimati u senjetament ghax kien hemm okkultament doluz u b'qerq tal-provi minn naha ta' Losinjska Plovidba fir-rikors tal-procedura arbitrali. Issa r-referenza ghall-kuntest li qed issir hawnhekk hija, qed nifimha jien, il-mod kif gew ribattuti l-provi tal-parti l-ohra fil-kontro talba. Ormai ma nistghux nifhmu l-mertu ta' dak li gia` ttrattat u deciz mill-arbitri."

(ii) *A Fol.* 102 *tergo et seq.* tal-process allegat jirrizulta li t-trattazzjoni tad-difensur tas-socjetajiet appellanti zvolgiet b'dan il-mod:

"Il-punt tal-qerq huwa: din in-naha dejjem sahhqet anke quddiem l-arbitru illi kienet il-vittma ta' frodi qawwija. Frodi qawwija fis-sens li saret *misrepresentation* dwar konsum ta' bunkers li dan il-bastiment kien fil-fatt

jikkonsma. Ghalkemm hassejna li ressaqna provi b'sahhithom hafna quddiem il-Lodo, quddiem l-Arbitru, ikkontestajniha ……… (kliem ma jinftehimx). L-Artbitru injorana kompletament dwar dan il-punt u baqa' ghaddejn u ta d-decizjoni tieghu. Nahseb illi jekk dik id-decizjoni ha tigi inforzata l-intimat ha jkun vittma.

**Il-Qorti:** Imma dak mhux qed titlob inti allura li jerga' jinfetah il-process kollu?

**L-Avukat Dr. K. Borg:** Jien nahseb li fi kwalunkwe kaz fejn hemm frodi, allegazzjoni ta' frodi bilfors wiehed jerga' jiftah il-process. Frodi fil-mod kif kien vittma l-intimat fuq il-mod kif tressqu l-provi. Injorah kompletament.

**IL-Qorti:** Mhux dejjem allura kull kaz jista' jinfetah? Kull kaz, kull *money judgement* li jkun hemm, issir dik l-allegazzjoni u nergghu nifthu li teludi l-iskop kollu tac-Chapter 52, hux hekk?

**L-Avukat Dr. K Borg:** Xtaqt kieku jixhed fil-qosor l-intimat David Jones, ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata David Jones, proprju fuq dan il-punt, biex jispjega ruhu ahjar.

**Il-Qorti:** Ghal dan l-istadju mhux ha nisimghuh. F'dan l-istadju l-Qorti ha thalli l-kawza biex il-parti l-ohra tipprezenta d-dokumenti u anke nota spjegattiva kronologika li hemm bzonn. Inti Dottor Borg u Dottor Galea Debono ipprezentaw id-dokumenti li jidhrilkom li ghandkom tipprezentaw jekk ikkummentaw fuq dawk id-dokumenti u nhalluha mbaghad ghall-kontinwazzjoni ghal darb'ohra. Jekk jidhrilna li f'data ohra ikun hemm bzonn li jinstema' David Jones jinstema', jekk le jigifieri, ghax inutli jekk inti qed tghidilna dan biex ifisser dak li ghadek kif spjegajt inti qed tiftah il-meritu mill-gdid mertu li jkun quddiem l-Artbitru. Il-frodi f'dak il-kaz hija frodi ta' natura differenti li qed titkellem hemmhekk id-disposizzjoni. Mhux il-frodi, jigifieri fis-sens li jigi allegat frodi fil-kuntest ta' dik il-kawza, ghax altrimenti kull kawza terga' tinfetah mill-gdid quddiem dan il-forum hux hekk?

**<u>L-Avukat Dr. K Borg:</u>** Pero` jekk jiena jirnexxieli nipprova li n-naha l-ohra ressqet dokumentazzjoni falza quddiem l-Arbitru barrani dak mhux frodi Sur President?

**<u>Il-Qorti:</u>** Dawk l-istess argumenti li kienu quddiem l-Arbitru. U l-Arbitru cahadhom hu. Hux hekk qed tghid? Issa naraw."

(iii) F'dik is-seduta tat-2 ta' Dicembru 2003, il-Qorti ta' l-Appell irregistrat is-segwenti verbal *a fol.* 97 tal-process allegat:

"Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Louis Cassar Pullicino u ta' Dr Kris Borg.

Il-Qorti takkorda sad-9 ta' Jannar 2004 zmien lis-socjeta` rikorrenti sabiex tipprezenta d-dokumenti b'risposta ghall-eccezzjonijiet mqajjma mill-intimati kif ukoll Nota spjegattiva li tindika b'mod konciz il-kronologija tal-fatti u kwalsiasi argumenti addizzjonali li s-socjeta` rikorrenti tkun trid iggib a konjizzjoni ta' din il-Qorti. Dan kollu ghandu jsir bil-visto jew notifika ta' Dr Kris Borg u Dr Veronica Galea Debono.

Is-socjetajiet intimati jkollhom sa mhux aktar tard mis-6 ta' Frar, 2004 zmien biex jipprezentaw id-dokumenti taghhom b'risposta ghan-Nota tar-rikorrenti u dan ghandu jsir ukoll bil-visto jew notifika ta' Dr Louis Cassar Pullicino.

Il-kawza giet differita ghas-16 ta' Marzu 2004 fl-10.30 a.m. ghal kontinwazzjoni."

(iv) Fl-20 ta' Dicembru 2003, is-socjeta` appellata pprezentat nota (ara *fol.* 104 *et seq.* tal-process allegat) flimkien ma' diversi dokumenti. Fl-istess nota s-socjeta` appellata ressqet is-sottomissjonijiet taghhom dwar id-diversi punti kontestati fil-kawza, izda naqset li direttament titratta l-eccezzjoni tal-frodi fuq imsemmija.

(v) *A fol.* 359 *et seq.* tal-process allegat hemm in-nota responsiva tas-socjetajiet appellanti. *A fol.* 360 jinsabu

registrati s-segwenti sottomissjonijiet riferibbilment ghall-eccezzjoni tal-frodi:

**“Artikolu 3(2)(d) tal-Kap. 52**

Illi kif gie rilevat mill-intimati fir-risposta taghhom, l-intimati jinsistu li l-lodo arbitrali kien kolpit minn frodi, (vide artikolu 4(c) tar-risposta ta’ l-intimati).

Illi r-rikorrenti agixxew in mala fede u b’qerq sia waqt il-kontrattazzjoni qabel l-arbitragg u sia waqt il-procediment ta’ l-arbitragg. Dan il-qerq qabel l-arbitragg kien rizultanti mill-fatti li r-rikorrenti ghamlu *misrepresentation* lill-intimati fuq il-*fuel consumption* tal-bastiment.

Illi waqt l-arbitragg, ir-rikorrenti hbew informazzjoni li kienet fil-pussess taghhom mill-arbitru u ressqu provi foloz quddiem l-arbitru. Dan sar sabiex jippruvaw jahbu l-*misrepresentation* li kienet saret qabel il-kuntratt.

Illi l-intimati jistghu jippruvaw li sar dan il-frodi da parti tar-rikorrenti u jippruvaw ukoll kif l-arbitru gie zvijat. F’dan is-sens allura qieghed hawn jigi anness affidavit ta’ David Jones, id-direttur taz-zewg socjetajiet intimati (Dok DJ1).”

(vi) L-affidavit ta’ David Jones jinsab *a fol.* 362 *et seq.* tal-process u mieghu hemm mehmuza kopja ta’ l-ahhar nota ta’ sottomissjonijiet li s-socjetajiet appellanti pprezentaw f’risposta quddiem it-tribunal arbitrali. Din il-kopja tinsab *a fol.* 366 sa 384 tal-process allegat.

10. Fid-29 ta’ Ottubru 2004, il-Qorti ta’ l-Appell tat id-decizjoni taghha li biha cahdet l-eccezzjonijet sollevati fir-risposta tas-socjetajiet appellanti, laqghet it-talba tas-socjeta` appellata u ghalhekk ordnat ir-registrazzjoni tal-lodo arbitrali in kwisjtoni a tenur tal-Kap. 52 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif applikabbli qabel il-bidu fis-sehh ta’ l-Att 2 tal-1996. Inoltre dik il-Qorti pprovdiet li, ghal dak li jikkoncerna l-imghax fuq il-kapital esigibbli mis-socjeta` kreditrici, dan qatt ma jista’ jeccedi l-massimu permessa mil-ligi Maltija cioe` ta’ tmienja fil-mija (8%). Is-socjetajiet appellanti gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez ta’ dawk il-

proceduri solidament bejniethom. Fl-istess sentenza, il-Qorti ta' l-Appell ikkumentat hekk dwar l-eccezzjoni bazata fuq il-qerq:
"Qed jigi sottomess li l-lodo gie ottenut b'qerq fil-kuntest tal-art. 3(2)(d) tal-Kap 52 senjatament ghaliex kien hemm okkultament doluz u b'qerq tal-provi minn naha ta' Losinjska Plovidba Brodarstvo fil-kors tal-proceduri arbitrali, partikolarment dwar <u>il-kwistjoni ta' konsum ta' gas oil fuel mill-vapur LIPA meta kien qed jimmanuvra u f'ibhra maghluqa.</u>

"Din il-kwistjoni kienet tifforma l-meritu ta' kontro talba tas-socjetajiet intimati fil-proceduri arbitrali meta kien qed jigi sottomess li huma ma kellhom ihallsu ebda bilanc lis-socjeta` rikorrenti in kwantu kien hemm "overconsumption of gas oil in the auxiliary engines over a large number of voyages performed by the vessel amounting to $273,742.46." Il-kwistjoni kienet tirrivolvi dwar interpretazzjoni tac-Charterparty li kien gie iffirmat bejn il-kontendenti u senjatament jekk ic-chaterer kienx ta garanzija dwar il-konsum ta' gas oil. Din il-kwistjoni giet ezaminata mill-arbitri mahtura mill-partijiet a tenur tac-Charterparty li, permezz ta' Interim Final Arbitration Award <u>on Preliminary Issue</u>, moghti fit-12 ta' Lulju 2000, esprimew ruhom favur it-tezi tas-socjetajiet intimati billi rritenew hekk(ara fol. 294 ta' l-atti):

""*<u>We find and hold that</u> the term "without guarantee" does not absolve the Owners from any Warranty as to fuel consumption of the ship's main or auxiliary engines. We further find that the warranted fuel consumptions set out in Clause 26 of the Charter Party are modified to the extent of 5% by the word "about" wherever it appears before a figure for fuel consumption and is further modified by a further 5% by the term "all details given in good faith but without guarantee" which appears at the end of Clause 26.*"

"Izda dan l-Interim Award gie appellat mis-socjeta` rikorrenti u b'sentenza tal-High Court of Justice, Queen's Bench Division Commercial Court moghtija fit-2 ta' Frar, 2001 (ara fol.297 <u>et seq</u>. dik il-Qorti rrevokat l-istess

Interim Award billi fil-parti konkluziva tas-sentenza qalet li "*I therefore conclude that answer to the point of law raised on this appeal is that the charter-party does not contain a warranty about the vessel's rate of fuel consumption.*" (fol. 301).

Konformement ma' din is-sentenza l-lodo ta' l-1 ta' Ottubru, 2002 cahad il-kontro-talba tas-socjetajiet intimati billi hemm jinghad hekk:

**""A. <u>We find and hold that</u> the Charterers' counterclaims for overconsumption of MGO and for the costs for lashing and unlashing cargo fail and are dismissed."**

"Minn dan jidher li l-ilment tas-socjetajiet intimati dwar l-konsum eccessiv ta' gas oil mhux talli gie propost fil-proceduri ta' arbitragg, izda kien jifforma meritu ta' sentenza preliminari kif ukoll sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ingliza. Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif f'dawn il-proceduri l-istess intimati jippretendu li din il-Qorti taghti kredibilita` ghall-ilment taghhom. Din l-eccezzjoni ghalhekk ma tistax tigi milquha."

11. Bil-kawza odjerna s-socjetajiet appellanti qeghdin jitolbu li tigi revokata l-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Ottubru 2004, fuq l-allegazzjoni li dik il-Qorti "naqset milli titratta u tiddeciedi" l-eccezzjoni taghhom fuq imsemmija li l-lodo arbitrali gie ottenut b'qerq minhabba okkultament doluz u qarrieqi da parti tas-socjeta` appellata. Is-socjetajiet appellanti qeghdin jirritjenu li l-Qorti ta' l-Appell ivvjolat id-dritt fundamentali taghhom ghal smigh xieraq kif provdut bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghandu jigi ssenjalat li huma ma humiex qeghdin jissolevaw xi lment f'dan is-sens bil-mod kif il-Qorti ta' l-Appell ikkonduciet il-proceduri quddiemha, cioe` dwar l-operat taghha mill-ewwel jum tas-smigh sa meta l-kawza giet differita ghas-sentenza. Invece, l-ilment tas-socjetajiet appellanti dwar l-allegat nuqqas ta' smigh xieraq huwa unikament iffokat fuq il-kontenut – jew ahjar fuq parti wahda biss tal-kontenut – ta' l-imsemmija sentenza impunjata, cioe` dik il-parti li tinsab riprodotta fil-

paragrafu 9 *supra*. Il-pretensjoni tas-socjetajiet appellanti li l-Qorti ta’ Appell ivvjolat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghax ma tathomx smigh xieraq ma gietx milqugha mill-ewwel Qorti, li tat is-sentenza taghha fid-19 ta’ Mejju, 2006. Din is-sentenza tinsab riprodotta fil-parti preliminari ta’ l-odjerna sentenza u li issa qed isir appell minnha quddiem din il-Qorti.

12. Illi din il-Qorti kkunsidrat analitikament l-aggravji mressqa mis-socjetajiet appellanti u jidhrilha li dawn jistghu jigu senjalati bil-mod segwenti, u fl-istess waqt, din il-Qorti sejra tesprimi l-fehma taghha dwar kull rispettiv aggravju.

13. Is-socjetajiet appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin ta’ l-odjerni proceduri meta hija ddikjarat li l-eccezzjoni li l-lodo arbitrali ttiehed b’qerq kienet “intiza sabiex terga’ tiftah il-meritu tal-lodo” ghaliex din l-eccezzjoni ma kenitx qeghda tistieden lill-Qorti biex terga’ titratta l-kaz mill-gdid.

14. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti dan l-aggravju huwa semplicement frivolu. Dan huwa evidenti jekk wiehed jaqra t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret mill-abbli difensur tas-socjetajiet appellanti quddiem il-Qorti ta’ l-Appell fis-seduta tat-2 ta’ Dicembru 2003, u li tinsab riportata *in toto* fil-paragrafu 9(ii) *supra*. Kull kumment iehor mill-Qorti jkun superfluwu.

15. Is-socjetajiet appellanti qeghdin jilmentaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin meta qalet li dawn il-proceduri mhumiex ghajr tentattiv “sabiex isir minn appell”.

16. Jirrizulta li dawn il-proceduri qeghdin isiru biex tigi impunjata s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell in kwsitjoni fuq l-allegazzjoni li kien hemm nuqqas ta’ smigh xieraq minn dik il-Qorti. La darba l-ewwel Qorti sabet li din l-allegazzjoni tas-socjetajiet appellant kienet infondata, wiehed ma jistax jghid li ma kenitx flokha l-osservazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li l-proceduri odjerni, li ma kellhomx ezitu

favorevoli ghal min ipproponihom, setghu jitqiesu bhala tentattiv biex isir appell mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

18. Is-socjetajiet appellanti rrelevaw li qatt ma kien hemm sentenza preliminari ta' Qorti ta' prim istanza Ingliza jew Qorti ta' l-Appell Ingliza fejn il-kwistjoni dwar qerq giet trattata.

Din il-kritika tas-socjetajiet appellanti, fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti, mhix indirizzata sewwa ghaliex il-Qorti ta' l-Appell, fid-decizjon taghha in kwistjoni ma qalitx li l-Qrati Inglizi kienu ttrattaw il-kwistjoni ta' qerq, izda semplicement qalet hekk:

"Minn dan jidher li l-ilment tas-socjetajiet intimati dwar il-konsum eccessiv ta' gas oil mhux talli gie propost fi proceduri ta' arbitragg, izda kien jifforma mertu ta' sentenza preliminari kif ukoll sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Ingliza."

Madanakollu, ghall-precizjoni ghandu jinghad li fil-fatt ma kien hemm ebda decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Ingliza. Effettivament il-proceduri ta' l-appell *mill-interim final arbitration award on preliminary issue* moghti mit-Tribunal Arbitrali fit-12 ta' Lulju 2000, li kien jitratta l-kwisjtoni jekk il-kumpanija appellata kenitx tat garanzija dwar konsum ta' fuel fil-ftehim inkorporat *time charter party* datat 8 ta' Settembru 1993, kienu saru quddiem il-*High Court of Justice, Queen's Bench Division (Commercial Court)* u d-decizjoni ta' din il-Qorti nghatat fit-2 ta' Frar, 2001. Jidher ukoll li s-socjetajiet appellanti ttentaw jappellaw minn din id-decizjoni quddiem il-Qrati Inglizi izda jidher li dawk il-Qrati ma tawhomx permess biex jaghmlu dan.

19. Is-socjetajiet appellanti qeghdin jilmentaw li l-Qorti ta' l-Appell ma ttrattatx l-eccezzjoni tal-qerq bil-mod kif din giet sollevata minnhom. Huma kienu qeghdin jissottomettu illi fil-proceduri ta' l-arbitragg kien hemm provi li kienu f'idejn is-socjeta` appellata u li din hbiethom dolozament u b'qerq. Huma jissottomettu li ma huwiex minnu li l-eccezzjoni ta' qerq li taw kienet intiza biex terga' tiftah il-meritu ta' l-arbitragg. Fir-rigward ta' din l-

eccezzjoni huma kienu qeghdin jilmentaw dwar dak li gara fil-kors tal-proceduri ta' l-arbitragg u ma kenux qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex terga' tidhol fil-meritu li jitratta r-relazzjoni kontrattwali ta' bejn il-partijiet. Is-socjetajiet appellanti jissottolinejaw li n-nuqqas tal-Qorti ta' l-Appell kien li hija ma trattatx l-eccezzjoni kif sollevata mis-socjetajiet appellanti ghaliex din illimitat ruhha biex tara jekk fil-proceduri ta' l-arbitragg kenitx giet trattata l-kwisjtoni dwar konsum zejjed ta' *fuel.*

20. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, dak li qed jigi sottomess b'dan l-aggravju mis-socjetajiet appellanti huwa kontradett mir-rizultanzi processwali. Infatti, dwar jekk l-eccezzjoni kenitx intiza biex terga' tidhol u tiftah mill-gdid il-meritu ta' l-arbitragg, trid issir referenza ghal dak li ntqal fil-paragrafu (14) supra. Anke n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti, f'dak li ntqal fiha *a fol.* 360 tal-process taghmel referenza esplicita ghall-allegat gherq prattikat mis-socjeta` appellata fir-relazzjoni kontrattwali pre-kontrattwali u kontrattwali li kellha mas-socjetajiet appellanti. Mhux hekk biss, talli l-allegat qerq waqt il-proceduri arbitrali gie muri li kien jorbot ma' dak li sar fir-relazzjonijiet pre-kontrattwali bejn il-partijiet. Infatti, f'din in-notta ta' sottomissjonijiet tas-socjejiet appellanti jinghad hekk:

"Illi r-rikorrenti agixxew in mala fede u b'qerq sia waqt il-kontrattazzjoni qabel l-arbitragg u sia waqt il-procediment ta' l-arbitragg. Dan il-qerq qabel l-arbitragg kien rizultanti mill-fatt li r-rikorrenti ghamlu *misrepresentation* mill-intimati fuq il-fuel consumption tal-bastiment.

Illi waqt l-arbitragg, ir-rikorrenti hbew informazzjoni li kienet fil-pussess taghhom mill-arbitru u ressqu provi foloz quddiem l-arbitru. Dan sar sabiex jippruvaw jahbu l-*misrepresentation* li kienet saret qabel il-kuntratt."

21. Forsi din il-Qorti tista' tikkoncedi li l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagha setghet, *ex abbundantia* tamplifika aktar fuq l-alleggazzjoni tal-qerq fil-kors tal-proceduri ta' l-arbitragg. Madankollu l-fatt li ma ghamlitx hekk, certament ma huwiex konsegwenza ta' xi nuqqas ta'

smigh xieraq da parti taghha fil-konfront tas-socjetajiet appellanti, izda ghall-kuntrarju, dan kien rizultat tal-fatt li dik il-Qorti setghet sfat svijata mill-mod li bih sarulha s-sottomissjonijiet dwar din l-eccezzjoni ta' qerq mill-abbli difensuri tas-socjetajiet appellanti. Ghandu jinghad ukoll li ma hemm l-ebda dubju li l-kwisjtoni tal-*bona fede* u tal-*mala fede* attribwita lis-socjeta` appellata kif ukoll ir-relattiv *onus* tal-prova, kienu kwistjonijiet li kienu intrinsikament involuti fil-proceduri arbitrali. Din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti ta' l-Appell immotivat sufficjentement id-decizjoni taggha dwar l-eccezzjoni tal-qerq. F'dan il-kuntest il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li nghad fil-Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition f'pagna 158:

**"A reasoned decision, while not expressly required by Article 6, is implicit in the requirement of a fair hearing, which has been recognized by the Court. If a court gives some reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are satisfied, and this presumption is not upset simply because the judgment does not deal specifically with one point considered by an applicant to be material. On the other hand, if for example, an applicant were to show that the court had ignored a fundamental defence, which had been clearly put before it and which, if successful, would have dischared him in whole or in part from liability, then this would be sufficient to rebut the presumption of a fair hearing."**

Fil-kaz odjern ma jirrizultax a sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li l-Qorti ta' l-Appell "had ignored a fundamental defence, which had been clearly put before it" u ghalhekk dan l-aggravju wkoll ma jistax jintlaqa' minn din il-Qorti.

22. Is-socjetajiet appellanti kkritikaw ukoll is-segwenti silta mis-sentenza appellata:

"Minn dak li xehed ir-rapprezentant tas-socjetajiet rikorrenti jidher bic-car li ma giex allegat agir frawdolenti jew b'qerq. L-istess rapprezentant jilmenta li kellu d-dritt li jara xi dokumenti pero` dan id-dritt gie michud mill-arbitri.

Jirrizulta ghalhekk li fit-trattazzjoni ta' l-appell ma tressqet l-ebda prova dwar l-allegat frodi."

L-appellanti jillanjaw li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni ta' l-affidavit li gie pprezentat minn David Jones, fejn xehed dwar x'sehh waqt il-proceduri ta' l-arbitragg u kif is-socjeta` appellata hbiet provi li kienu ghad-disposizzjoni taghha u b'hekk ikkommettew qerq. Is-socjetajiet appellanti sostnew ukoll li l-ewwel Qorti kellha l-obbligu li tillimita l-konsiderazzjonijiet u d-decizjonijiet taghha biex tara kif effettivament giet trattata l-imsemmija eccezzjoni tal-qerq mill-Qorti ta' l-Appell, u din l-ahhar imsemmija qorti ma kellhiex ghalfejn tidhol fil-kwistjoni dwar jekk tressqux provi jew le mis-socjetajiet appellanti sabiex isostnu l-eccezzjonijiet taghhom. Huma rritenew li dak kien ezercizzju li *se mai* kien jinkombi fuq il-Qorti ta' l-Appell.

23. Din il-Qorti jidhrilha li l-ilmenti tas-socjeta` appellanti f'dan ir-rigward ghandhom certa validita` <u>fihom infushom</u> izda li madankollu, ftit li xejn jista' jkollhom effett biex din il-Qorti tinklina li tkun tista' tilqa' l-appell. Kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, din il-Qorti jidhrilha li jirrizulta bic-car li l-allegazzjoni ta' agir frawdolenti jew b'qerq, partikolarment in konnessjoni mat-taghrif li nghata mis-socjeta` appellata dwar il-konsum ta' *gas oil* mill-bastiment LIPA, <u>verament saret</u> mis-socjetajiet appellanti. Anzi wiehed jista' jafferma li din kienet vertenza vitali ghall-parti sostanzjali mit-talba rikonvenzjonali tas-socjetajiet appellanti quddiem it-Tribunal Arbitrali. Biex ikunu jistghu jissostanzjaw din l-allegazzjoni, is-socjetajiet appellanti insistew li jitpoggew ghad-disposizzjoni taghhom u jigu esebiti fil-proceduri ta' l-arbitragg numru ta' dokumenti li kienu fil-pussess tas-socjeta` appellata, ewlenin fosthom xi *log books* ta' l-istess bastiment. Apparti konsiderazzjonijiet ohra, madanakollu, wiehed ma jridx jinsa li quddiem it-Tribunal Arbitrali, is-socjetajiet appellanti argumentaw li fil-kaz li t-talba taghhom ghall-esebizzjoni ta' dawn id-dokumenti ma tintlaqax, u fil-kaz li l-istess dokumenti jibqghu ma jigux esebiti mis-socjeta` appellata, allura t-Tribunal Arbitrali kellu jiddeduci u jinferixxi, <u>minn dan il-fatt biss</u> li din it-tezi

tas-socjetajiet appellanti kienet qeghda tigi korroborata. Wiehed jista' jghid li meta s-socjetajiet appellanti avvanzaw dan l-argument quddiem it-Tribunal Arbitrali, huma kienu qeghdin implicitament jaccettaw sitwazzjoni ta' fatt fejn dawn id-dokumenti rikjesti minnhom ma jigux esebiti, izda stiednu lit-Tribunal Arbitrali li jinferixxi minn dan il-fatt, korrobarazzjoni tat-tezi taghhom li s-socjeta` appellata ma mxietx b'bona fede maghhom, anzi li kienet ikkommettiet frodi fil-konfront taghhom. It-Tribunal Arbitrali kellu l-kompitu li jizen u jevalwa l-provi kif ukoll is-sottomissjonijiet li sarulu miz-zewg partijiet dwar din il-vertenza, u meta huwa ta d-decizjoni tieghu, sfortunatament ghas-socjetajiet appellanti, din id-decizjoni ma kenitx favorevoli ghalihom.

24. Meta s-socjetajiet appellanti ma ottenewx id-decizjoni li xtaqu mit-Tribunal Arbitrali, huma ssollevaw mill-gdid l-allegazzjoni tal-qerq taht l-aspett ta' okkultament ta' provi fil-proceduri ta' l-arbitragg, biex b'hekk jippruvaw jostakolaw ir-registrazzjoni fil-qrati taghna tal-lodo arbitrali.

25. Ghandu jigi notat li s-socjetajiet appellanti naqsu li jintavolaw appell mil-lodo arbitrali quddiem il-Qrati Inglizi, kif jidher li kienu intitolati li jaghmlu. Setghet tqajjmet allura l-kwistjoni jekk dawn is-socjetajiet appellanti ezawrewx jew le ir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli ghalihom qabel ma taw bidu ghall-proceduri odjerni li bihom qeghdin jallegaw ksur ta' drittijiet tal-bniedem. Din il-Qorti mhijiex sejra tissolleva din il-kwistjoni f'dan l-istadju inoltrat tal-kawza. Lanqas ma hija sejra tidhol fil-kwistjoni jekk tressqux jew le provi sufficjenti dwar l-allegazzjoni ta' qerq quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ghaliex din il-Qorti, certament, ma ghandhiex il-funzjoni li tara jekk dik il-Qorti waslitx ghad-decizjoni korretta dwar il-meritu li kellha tiddeciedi. Kif sewwa rrimarkat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata:

"Mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tirrivedi allegati zbalji ta' xi Qorti ohra. Din il-Qorti ghandha l-kompitu li tezamina u tiddeciedi jekk proceduri li zvolgew quddiem Qorti ohra setghux jivvjolaw xi dritt fondamentali."

Certament l-odjerna procedura ma tistax tintuza biex tirretifika kwalunkwe nuqqas, ikun xi jkun ta' xi Qorti ohra, izda minflok hija procedura straordinarja li ghandha dejjem tigi ezercitata fil-parametri strett tad-dritt fundamentali li allegatament ikun gie vjolat. F'dan il-kuntest huwa opportun li tigi citata silta mill-volum imsemmi Jacobs and White, The European Convention on Human Rights, Third Edition, fejn f'pagna 140 l-awturi jikkummentaw hekk dwar l'hekk msejjha "*fourth instant*" *doctrine*. Dan l-insenjament qieghed jigi enfasizzat hawn, ghaliex japplika, *mutatis mutandis* ghall-Prim Awla tal-Qorti Civili u ghal din il-Qorti meta jkunu qeghdin jezaminaw allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali fil-konfront ta' xi qorti jew tribunal iehor:

**"Every month the Court of Human Rights receives many hundreds of letters complaining about the decisions reached by national courts in civil and criminal trials. These applications are, however, based on a fundamental misconception of the Convention system. The Court has no jurisdiction under Article 6 to reopen domestic legal proceedings or to substitute its own findings of fact or national law for the findings of domestic courts. The Court's task with regard to a complaint under Article 6 is to examine whether the proceedings, taken as a whole, were fair and complied with the specific safeguards stipulated by the Convention. Unlike a national court of appeal, it is not concerned with the questions whether the conviction was safe, the sentence appropriate, the award of damages in accordance with national law, and so on. And a finding by the Court that an applicant's trial fell short of the standards of Article 6 does not have the effect of quashing the conviction or overturning the judgment, as the case may be.**

**The Court calls this principle the 'fourth instance' doctrine, because it is *not* to be seen as a third or fourth instance of appeal from national courts. It is important to bear the doctrine in mind when considering whether a particular factual situation**

**based on criminal or civil proceedings raises any issue under Article 6.”**

26. Din il-Qorti tikkonkludi billi tafferma li mhijiex sodisfatta li s-socjetajiet appellanti rnexxielhom jossostanzjaw il-pretensjoni taghom li l-Qorti ta’ l-Appell naqset li taghti decizjoni taghha fuq l-eccezzjoni in kwistjoni, u b’hekk ivvjolat d-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif qeghdin jallegaw is-socjetajiet appellanti f’dan l-appell. Invece, jirrizulta a sodisfazzjoni ta’ din il-Qorti li l-Qorti ta’ l-Appell tat smigh xieraq lis-socjetajiet appellanti, fid-dawl tar-rizultanzi processwali u ghalhekk l-appell taghhom ma jistax jintlaqa’.

27. Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu a karigu tas-socjetajiet appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------